Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 19 ta' Jannar 2024**
**(OR. en)**

**05207/24**

**COPS 3**
**CSDP/PSDC 7**
**CFSP/PESC 31**
**COAFR 8**
**CSC 6**
**EUCAP MALI 1**
**PSC DEC 1**
**CIVCOM 3**

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fil-Mali (EUCAP Sahel Mali) (EUCAP Sahel Mali/1/2024) |

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2024/…**

**ta'…**

**li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fil-Mali (EUCAP Sahel Mali) (EUCAP Sahel Mali/1/2024)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/219/PESK tal-15 ta' April 2014 dwar il-missjoni ta' PSDK tal-Unjoni Ewropea fil-Mali (EUCAP Sahel Mali)[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1) tagħha,

[1] ĠU L 131, 16.04.2014 p. 21.

Billi:

(1) Skont id-Deċiżjoni 2014/219/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) huwa awtorizzat, f'konformità mat-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tat-Trattat, jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti sabiex jeżerċita l-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fil-Mali (EUCAP Sahel Mali), inkluż id-deċiżjoni biex jaħtar Kap tal-Missjoni, fuq proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ("ir-Rappreżentant Għoli").

(2) Fl-10 ta' Jannar 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/96[2] li temenda d-Deċiżjoni 2014/219/PESK u li testendi l-mandat tal-EUCAP Sahel Mali sal-31 ta' Jannar 2025.

(3) Fl-14 ta' Marzu 2023, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/613[3] li ħatret lis-Sur Peter KOLDING bħala Kap tal-Missjoni tal-EUCAP Sahel Mali mill-11 ta' April 2023 sal-31 ta' Jannar 2024.

(4) Fl-20 ta' Diċembru 2023, ir-Rappreżentant Għoli ppropona li l-mandat tas-Sur Peter KOLDING bħala Kap tal-Missjoni tal-EUCAP Sahel Mali jiġi estiż mill-1 ta' Frar 2024 sal-31 ta' Jannar 2025,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/96 tal-10 ta' Jannar 2023 li temenda d-Deċiżjoni 2014/219/PESK dwar il-Missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fil-Mali (EUCAP Sahel Mali) (ĠU L 8, 11.1.2023, p 2).

[3] Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2023/613 tal-14 ta' Marzu 2023 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fil-Mali (EUCAP Sahel Mali) (EUCAP Sahel Mali/1/2023) ĠU L 80, 20.03.2023, p 91).

*Artikolu 1*

Il-mandat tas-Sur Peter KOLDING bħala l-Kap tal-Missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fil-Mali (EUCAP Sahel Mali) huwa b'dan estiż mill-1 ta' Frar 2024 sal-31 ta' Jannar 2025.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tapplika mill-1 ta' Frar 2024.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*
*Il-President*